# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 181/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Omar Anthony Micallef**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Omar Anthony Micallef**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 64179(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-15 ta' Ġunju 2020 u/jew fil-ġranet ta' qabel fil-porzjon art magħrufa bħala Tal-Ponta, Triq il-Buskett, Dingli, Malta:

1. bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, għamel xogħlijiet jew inkariga lil ħaddieħor jagħmel xogħlijiet billi għamel

kamra u tank b'tali mod li fixkel jew ostakola lil Vincenzo Grixti fil-pussess u l-użu tal-passaġġ fuq l-art magħrufa bħala Tal-Ponta, Triq il-Buskett, Dingli u b'dan l-aġir abużiv u illegali qiegħed jostakola lil Vincenzo Grixti fil-pussess, użu u godiment tal-passaġġ.

Il-Qorti ġiet mitluba biex, f'każ ta' ħtija, tapplika d-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 377(5) tal-Kapitolu 9 sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li, f'każ ta' ħtija, barra milli tagħti l-piena stabbilta skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Ġunju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu kkundannatu multa ta' disa' mitt Euro (€900). *Ai termini* ta' Artikolu 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli b'Artikolu 85(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti awtorizzat lill-Pulizija biex tneħħi kull diżordni jew inkonvenjent li għalih jirreferixxi r-reat bi spejjeż tal-ħati b'dan illi l-Ewwel Qorti fissret li l-kamra għandha titneħħa mill-passaġġ in kwistjoni filwaqt li jitneħħa d-diżlivell li nħoloq mill-imputat bi preġudizzju għall-kwerelant. L-Ewwel Qorti fissret li l-ħati jista' jiġi mġiegħel iħallas l-ispiża b'mandat maħruġ minnha. B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat lill-imputat iħallas l-ammont ta' seba' mija u sitta u għoxrin Euro u erbgħin ċenteżmu (€726.40) rappreżentanti spejjeż peritali.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2021 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti, talab lil din l-Qorti sabiex: *"tħassarha u tikkanċella fejn sabet lill-esponenti ħati ta' l-akkuża u kkundannatu għal ħlas ta' multa ta'*

*€900, ordnatlu jneħħi kull disordni jew inkonvenjent kif ukoll ikkundannatu jħallas l-ispejjeż peritali fl-ammont ta' €726.40 u minnhom tilliberah, u fin-nuqqas, l-esponenti umilment jitlob li tiġi mposta piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel ri-assunt ta' dak li wassal sabiex l-appellant jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti f'dan il-każ.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- Affidavit ta' **WPS 145 Graziella Zammit** (*a fol.* 5 *et seq.*) fejn qalet li fit-28 ta' Lulju 2020 il-Pulizija rċeviet kwerela sabiex jittieħdu passi kontra l-appellant. Tgħid li fid-29 ta' Settembru 2020, Vincenzo Grixti kien ikkonferma l-kwerela billi stqarr li l-appellant kien għamel kamra tal-*aluminium* kif ukoll tank ġo passaġġ komuni u lilu dan kien qed iċaħħdu mill-aċċess. Tgħid ukoll li fit-30 ta' Settembru 2020, l-

appellant ġie mitkellem fejn stqarr li huwa stess kien għamel taraġ biex jinqeda Vincenzo Grixti u qal ukoll li l-passaġġ rappurtat minn Grixti kien proprjeta' tiegħu biss (tal-appellant).

- L-Ewwel Qorti ħatret lill-Perit Valerio Schembri bħala espert tekniku li mar fuq is-sit in kwistjoni, sema' numru ta' xhieda u ppreżenta r-rapport tiegħu li ġie mmarkat bħala Dok. "VS" (*a fol.* 21 *et seq.*).

- **Vincenzo Grixti** (*a fol.* 32) xehed quddiem il-Perit Valerio Schembri. Huwa qal li kamra l-ħadra qabel ma kinitx hemm u xi jiem qabel il-15 ta' Ġunju 2020 induna li l-kamra kienet resqet. Jgħid li minħabba din il-kamra, il-passaġġ huwa magħluq u jgħid ukoll li anke l-ħofra li għamel l-appellant kienet qed ittellfu. Fil-<u>kontro-eżami</u> huwa qal li mal-kamra hemm passaġġ imma dan ma fihx żewġ piedi u nofs u sar wara li kien daħħal ir-rapport. Huwa rrifjuta li juża t-taraġ għaliex għandu rkobbtejh mibdulin u allura jbati biex jitla' t-taraġ.

- Quddiem il-Perit Schembri xehed ukoll l-appellant **Omar Anthony Micallef** (*a fol.* 40 *et seq.*) fejn qal li l-kwerelant ma ridux jagħmel il-kamra iżda l-passaġġ baqa' hemm u fl-ebda mument ma kien qal lill-kwerelant biex ma jgħaddix. Jgħid li t-taraġ huwa iżjed baxx mit-turġien li kien juża l-kwerelant. Ċaħad li hu kien fannad il-parti fejn kien hemm il-ħama.

- Anke **Amanda Caruana** (*a fol.* 41 *et seq.*) xehdet quddiem il-Perit Schembri. Hija qalet li hija oħt l-appellant u li l-kwerelant huwa z-ziju tagħha. Tgħid li kienu sabu l-post għall-kamra biex jgħattu l-pompa u li ma tafx kemm kien hemm wisa' biex tgħaddi qabel.

- Fir-rapport tiegħu (Dok. "VS" – *a fol.* 21 *et seq.*), il-Perit Valerio Schembri jasal għal numru ta' konklużjonijiet. F'konklużjoni bin-numru erbgħa (4), jgħid hekk:

> "[...L]-istruttura in kwistjoni qed tingombra l-passaġġ li kien jeżisti. B'kull rispett biex tingħatta l-pompa sabiex tiġi protetta mill-elementi ma kienx hemm il-ħtieġa ta' dak il-kobor ikkonstat in situ u li jidher sew fir-ritratti esebiti mill-partijiet. Huwa ovvju fl-umli opinjoni ta' l-esponent illi **din l-istruttura qed tfixkel l-aċċess ta' Vincenzo Grixti (l-*parte civile*) mill-passaġġ li jgawdi**."

F'konklużjoni bin-numru ħamsa (5) tal-istess rapport, il-Perit Schembri jgħid hekk:

> "[...] Madanakollu jirriżulta mill-provi li dan kien l-aċċess li kien juża l-*parte civile* biex jitla' fuq iċ-ċint tal-ġiebja u **ma jistax jiġi nnegat hekk kif jidher minn Dok. VG 250201 li tfannad il-livell tal-passaġġ u bid-diżlivell li nħoloq, l-aċċess ġie iżjed difficli milli diġa' kien**."

F'konklużjoni bin-numru sitta (6) jingħad is-segwenti:

> "[...] **Madanakollu fl-umli opinjoni tal-esponenti jibqa' l-fatt li bl-istruttura li għamel l-imputat il-kwerelant Grixti ma baqax igawdi l-passaġġ li kellu qabel u l-imblukkar tal-passaġġ ġia' eżistenti sar kontra r-rieda espressa tal-istess Grixti**."

Fil-kontro-eżami l-Perit Schembri qal li llum tista' tgħaddi komdu mill-passaġġ iżda l-via antika ġiet spostata.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-każ l-appellant ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti bir-reat li jemerġi minn Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat huwa dak hekk imsejjaħ ta' *ragion fattasi* jew dak li jissejjaħ *"the exercise of a pretended right"*.

Illi għandu jingħad li l-azzjoni bbażata fuq Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija speċi ta' żona griġja bejn il-kamp ċivili u dak kriminali tant li meta kien qed jiġi abbozzat il-Kodiċi Penali Malti, Sir Andrew Jameson fir-Rapport tiegħu kien osserva s-segwenti:

> *"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages..."* (Ara Prof. Sir Anthony Mamo – Notes on Criminal Law (1958 edit.), Parti Specjali – Vol. II).

Illi l-elementi tar-reat in diżamina ġew miġbura fid-definizzjoni analitika mogħtija fl-14 ta' Ottubru 1944 fis-sentenza ta' l-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et** (Vol. XXXII – IV, p.768) u dawn jinkludu:

- att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

- l-aġent irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

- ix-xjenza tal-aġent li qed jieħu b'idejh (*"di privato braccio"*) dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

- l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

Illi, kif dejjem ġie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati, per eżempju, ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddiehor. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'illi wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu it-tgawdija tagħha.

Illi r-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun diġa' ikollu. Hemm bżonn li jkun hemm att pożittiv li jippriva lit-terz jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa għax kif jgħid **Carrara** (Prog. Parte Speciale, Vol. 5, para. 2850):

> *"L'atto esterno deve privare l'altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi é nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perché la legge protegge lo "stato quo", il quale non puó variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autoritá giudiziale."*

Illi fir-rigward tar-raba' element hawn fuq imsemmi għandu jingħad li n-nuqqas ta' titolu jirrendi l-fatt aktar gravi b'dan illi huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Illi l-ġurisprudenza wkoll timxi mal-prinċipju li *"r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bħala delitt kontra l-proprjeta' iżda bħala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u amministrazzjonijiet pubbliċi oħra."*[1] Għandu jingħad li Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ntiż biex dak li jkun ma jieħux il-liġi b'idejh.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni skorretta tal-liġi u t-<u>tieni aggravju</u> tiegħu huwa li l-istess Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi. Il-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dawn iż-żewġ aggravji flimkien minħabba li huma konnessi.

Illi l-appellant isostni li skont id-depożizzjoni tal-Perit Valerio Schembri, il-passaġġ oriġinali ġie spostat b'madwar metru. Jisħaq li l-passaġġ kellu wiesa' ta' żewġ piedi u nofs u mhux ta' metru. Jgħid li meta tqegħdet kamra tal-pjanċi li rifset fuq il-passaġġ, hu

[1] Ara **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci** tas-7 ta' Jannar 1998, Qorti tal-Appell Kriminali.

ħa ħsieb inaqqas mir-raba' tiegħu u għamel passaġġ ieħor mal-ġenb tal-kamra biex il-*parte civile* jkun jista' jgħaddi. Isostni li fir-relazzjoni tiegħu, il-Perit Schembri qal li t-taraġ mibni minnu huwa ħafna aħjar mill-aċċess li kellu qabel il-kwerelant. Jissottometti li d-dritt li kellu l-*parte civile* li jgħaddi minn fuq ir-raba' tiegħu (tal-appellant) biex imur jara l-ilma għadu hemm għalkemm il-via ġiet spostata b'metru. Jisħaq li dawn il-proċeduri huma riżultat ta' pika eżaġerata mill-*parte civile*.

Illi, apparti dak li ngħad fil-ġurisprudenza li saret riferenza għaliha aktar 'il fuq, għandu jingħad li l-ewwel konsiderazzjoni hija li għall-finijiet ta' *ragion fattasi* l-pussess materjali jew detenzjoni hu sufficjenti għall-avverament tal-ipotesi tal-liġi.[2] Il-provi juru li Vincenzo Grixti kien juża l-passaġġ. Jirriżulta li dan il-passaġġ ġie spostat kontra r-rieda tiegħu. Minkejja li l-appellant jissottometti li huwa għamel l-affarijiet aktar faċli għall-kwerelant, din is-sottomissjoni ma tistax tintlaqa'. L-ewwelnett il-kwerelant stqarr li huwa ma jistax jitla' taraġ minħabba rkobbtejh u t-tieni għaliex il-liġi xorta tkun qed tinkiser ukoll jekk wieħed, li jkun ippriva 'l ħadd ieħor minn dritt tiegħu, jagħmel ħajjet id-deprivat aktar komda. Il-prinċipju huwa mhux li tajt xi ħaġa għal dak li ħadt imma li int ħadt dak li ma stajtx tieħu imqar jekk persuna kellha d-detenzjoni biss u li dan sar kontra r-rieda ta' ħaddieħor!

Illi mill-mod kif aġixxa l-appellant jirriżulta wkoll it-tieni element – ċioè li hu kien qed jemmen li seta' għamel li għamel bi dritt. Jirriżultaw ukoll t-tielet u r-raba' elementi elenkati aktar 'il fuq.

Għaldaqstant, l-ewwel u t-tieni aggravji tal-appellant qed jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> aggravju tal-appellant huwa li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija eżagerata ġialadarba huwa pprovda passaġġ alternattiv a spejjeż tiegħu stess. L-appellant jissottometti

[2] Ara **Il-Pulizija vs. George Zahra** tas-16 ta' Lulju 1958, Vol. XLII.IV.1453.

wkoll li ma kellux ibati l-ispejjeż tal-Perit Valerio Schembri għax ma kienx hemm bżonn xi indaġni teknika.

Illi dwar l-ispejjeż relatati mar-rapport redatt mill-Perit Valerio Schembri, din il-Qorti filwaqt li għandha r-riżervi tagħha dwar jekk l-Ewwel Qorti kellhiex bżonn li taħtar lill-perit biex jassistiha, tinnota li minn imkien ma jirriżulta li quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant qajjem xi oġġezzjoni għal ħatra tal-perit. Ma jagħmilx sens li l-appellant jiġi fi stadju ta' appell hu jgħid li l-Ewwel Qorti ma kellhiex bżonn xi indaġni teknika biex tinkariga Perit – huwa messu għamel verbal quddiem l-Ewwel Qorti fejn oġġezzjona għall-ispejjeż tal-ħatra tal-Perit Schembri u jgħid għala kien qed joġġezzjona. Għaldaqstant, din il-Qorti mhijiex ser tilqa' l-aggravju in eżami tal-appellant fir-rigward tal-ispejjeż peritali.

Illi fir-rigward tal-multa mposta mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti hija tal-fehma li għandu jkun hemm tnaqqis fl-ammont tal-multa u dana meħud in konsiderazzjoni dak kollu li jirriżulta mill-atti proċesswali, inkluż il-fatt li l-appellant għamel a spejjeż tiegħu passaġġ alternattiv u kif ukoll il-fatt li l-appellant ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-Perit Schembri, li kif ingħad aktar 'il fuq, din il-Qorti għandha r-riżervi tagħha dwar jekk l-Ewwel Qorti kellhiex bżonn taħtru.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Omar Anthony Micallef billi:

- tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabitu ħati u fejn ordnat li jitneħħa kull diżordni jew inkonvenjent *ai termini* ta' Artikolu 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fejn fissret li l-kamra għandha titneħħa mill-passaġġ in kwistjoni filwaqt li jitneħħa d-diżlivell li nħoloq mill-appellant bi preġudizzju għall-kwerelant b'dan illi l-ħati jista' jiġi mġiegħel iħallas l-ispiża b'mandat maħruġ mill-Qorti;

- tikkonferma wkoll l-ordni tal-Ewwel Qorti li l-appellant iħallas l-ispejjeż peritali li jammontaw għal seba′ mija u sitta u għoxrin Euro u erbgħin ċenteżmu (€726.40)

  u

- tħassar is-sentenza appellata f′dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant iħallas multa ta′ disa′ mitt Euro (€900) u minflok tirriforma din il-parti tas-sentenza billi tikkundanna lill-appellant iħallas multa ta′ sitt mitt Euro (€600).

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**